MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2012

Mandat Numru. 1297/2012/1

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Dhalia Investments Limited (C-1604)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi datat 3 ta’ Settembru, 2012 a fol. 1 tal-process fejn espona illi sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm lis-socjeta` intimata milli taghmel kwalunkwe tip ta’ negozju nkluz tbiegh, tnehhi, titrasferixxi jew tiddisponi b’xi mod iehor jew b’xi mod tohloq piz jew drittijiet reali u/jew personali fuq, l-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2), formanti parti minn korp t’appartamenti msejjha “Tal-Providenza Mansions”, f’Main Street gewwa Hal-Balzan, flimkien ma’ l-arja li testendi fuq l-istess appartament u fir-

rigward ta' kull sehem fl-istess appartament, u umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta` intimata.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 3 ta' Settembru 2012 fejn laqghet provizorjament it-talba u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-7 ta' Settembru 2012 fil-10.45a.m. u ordnat in-notifika ta' l-istess rikors lill-kontro-parti b'jumejn zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata Dhalia Investments Limited datata 5 ta' Settembru 2012 fejn sostnew li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-7 ta' Settembru 2012 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Ian Vella Galea ghar-rikorrenti prezenti u Maryanne Schembri ghall-istess u Dr Gavin Gulia ghas-socjeta` intimata rapprezentata minn Christopher Grech u Adrian Grech. Id-difensuri ttrattaw il-kaz.

Illi l-Qorti tiddisponi mill-istess billi wara li rat ir-rikors datat 3 ta' Settembru 2012, u rat ir-risposta datata 5 ta' Settembru 2012, u wara li semghet it-trattazzjoni, tiddeciedi billi ssostni li peress li gie ppruvat *prima facie* id-dritt pretiz mir-rikorrenti, liema allegazzjoni ta' dritt tifforma l-mertu wkoll ta' kawza diga prezentata *inter alia* kontra s-socjeta` intimata, u peress li jezistu l-elementi necessarji u essenzjali sabiex tintlaqa' t-talba odjerna ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni u dan anke fis-sens li jekk it-talba ma tigix milqugha r-rikorrenti jkun jew jista' jkun serjament ippregudikat, il-Qorti tilqa' t-talba.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------